MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 900/2001/1

**Mario Fenech**

**vs**

**Francis Micallef**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi l-attur hu proprjetarju tal-fond 56, Bishop Scicluna Street, Qormi li ghandu fih forn tradizzjonali uzat ghall-manifattura tal-hobz;

Illi l-konvenut waqqa' l-fond proprjeta tieghu, li hu ma' genb tal-imsemmi fond tal-attur, u halla l-hajt tal-genb

espost ghal zmien twil ghax-xita bil-konsegwenza li ppenetra hafna ilma u wassal ghal hsarat ta' umdita fil-hajt u fis-sistema tal-elettriku fil-fond imsemmi tal-attur kif jirrizulta ahjar mill-anness rapport peritali markat Dok "MF1";

Illi l-konvenut ghamel ukoll xoghol ta' qtugh ta' blat fl-imsemmi post proprjeta tieghu, u nizel fond ta' xi seba' piedi taht il-livell tat-triq fejn ma zammx id-distanza regolamentari mill-hajt divizorju u ikkaguna danni fil-forn tal-attur li jinsab fil-fond 56, Bishop Scicluna Street, Qormi u dana kif jirrizulta ahjar mill-anness rapport peritali markat Dok "MF2";

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur izda inutilment;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m' ghandhiex: -

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-hsarat u danni konsegwenzjali sofferti mill-attur fil-fond 56, Bishop Scicluna Street, Qormi u fil-forn li jinsab fl-istess fond;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, inkluz it-telf ta' uzu tal-imsemmi forn u dan jekk hemm bzonn bin-nomina ta' periti nominandi;

3. Tikkundannah ihallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-3 ta' Dicembru 1999, tas-27 ta' April 2000, tal-5 ta' Mejju 2000 u tal-ittra ufficjali tat-3 ta' April 2000 u tas-16 ta' Frar 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitment konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

Illi fl-ewwel lok l-attur irid jipprova t-titolu tieghu;
Illi l-eccipjenti m' huwiex responsabli ghal l-ebda hsara li qed tigi allegata li saret fil-fond 56, Bishop Scicluna Street, Qormi;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost huwa inkariga lil nies tas-sengha sabiex jaghmlu x-xogholijiet taht id-direzzjoni ta' Perit Arkitett;

Illi l-konvenut ma kkawza l-ebda dannu lill-attur;

Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Ottubru 2001 li bih gie nominat l-AIC Alan Saliba bhala perit tekniku bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat l-affidavit tal-attur u dak ta' George Galdes presentat mill-istess attur;

Rat ir-rapport tal-abbli perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-28 ta' Ottubru 2003;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-attur jippremetti li hu proprjetarju tal-fond 56, Bishop Scicluna Street, Qormi fejn ghanfdu forn tradizzjonali uzat ghall-manifattura tal-hobz. L-attur ikompli jippremetti li l-konvenut waqqa' l-fond attigwu ghall-imsemmi fond u halla l-hajt tal-genb espost ghal zmien twil ghax-xita bil-konsegwenza li ppenetra hafna ilma u wassal ghal hsarat ta' umdita fil-hajt u fis-sistema tal-elettriku fil-fond tal-attur. Inoltre l-konvenut ghamel xoghol ta' qtugh ta' blat fil-fond

tieghu u nizel fond ta’ xi seba’ piedi taht il-livell tat-triq u ma zammx id-distanza regolamentari mill-hajt divizorju u ghalhekk ikkaguna danni fil-forn tal-attur. Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-hsarat u danni konsegwenzjali sofferti mill-attur fl-imsemmi fond tieghu, li jigu likwidati dawn id-danni, inkluz it-telf ta’ uzu tal-forn u li l-konvenut jigi kundannat ihallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li l-attur irid jipprova t-titolu tieghu. Qed jeccepixxi ukoll li huwa mhux responsabli ghal hsara allegata u li huwa kien inkariga nies tas-sengha sabiex jaghmlu x-xogholijiet in kwestjoni u dana taht id-direzzjoni ta’ Perit Arkitett. Ghalhekk il-konvenut ma kkawza l-ebda dannu lill-attur;

Fil-kors ta’ dawn il-poceduri gie nominat l-AIC Alan Saliba bhala perit tekniku bil-fakoltajiet kollha soliti. L-abbli perit tekniku fir-rapport tieghu wara li kkonsidra r-rizultanzi kollha u dak kollu li hu rilevanti kkonkluda (1) li rizultat tat-twaqqiegh tat-fond tal-konvenut u t-tqattiegh tat-blat fl-istess fond, gew ikkawzati hsarat fl-fond ta’ l-attur numru 56, Triq l-Isqof Scicluna, Qormi billi tqaxxret iz-zebgha u hargu tbajja wara ingress ta’ ilma fil-hajt divizorju mill-fond tal-konvenut u saru wkoll hsarat strutturali fil-forn li jinsab fit-fond ta’ l-attur. Dan ix-xoghoi rimedjali ghandu valur ta’ elf u hames mija liri maltin (Lm1500); (2) li rizultat ta’ dan l-ingress ta’ ilma saret ukoll hsara lis-sistema ta’ l-elettriku fil-fond ta’ l-attur, liema hsara ma tistax tigi likwidata mill--esponent fuq nuqqas ta’ provi; (3) li jirrizulta li l-attur sofra danni minhabba dawn il-hsarat f’tetf ta’ uzu tal-forn, liema danni ma gewx tikwidati mill-esponent fuq nuqqas ta’ provi; (4) li jirrizulta wkoll li l-attur sofra danni ta’ mitt lira maltin (Lm100) sabiex ic-cumnija giet imtawla wara li sar il-bini tal-konvenut.  Din ic-cumnija hija rizultat tal-bini tal-konvenut u mhux rizultat tat-twaqqiegh tal-fond tal-konvenut u tat-tqattiegh tal-blat fl-istess fond kif ipremetta l-attur fic-citazzjoni, (5) dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, l-attur esebixxa kuntratt bhala Dok A a foll 19 fil-process sabiex jipprova t-titlu tieghu tal-fond numru 56, Triq l-Isqof Scicluna, Qormi;

Il-Qorti hasbet fit-tul u funditus dwar il-kostatazzjonijiet kollha li ghamel l-abli perit tekniku u dwar il-konkluzjonijiet kollha li wasal ghalihom l-istess perit tekniku. Il-Qorti taqbel ma dawn il-kostatazzjonijiet u dawn il-konkluzjonijiet u ghalhekk taddotthom u tghamillhom taghha. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel il-Qorti li tbiddel jew tvarja dawn l-istess konkluzjonijiet;

Ghalhekk skond dawn il-konkuzjonijiet l-eccezzjonijiet kollha tal-konveut ghandhom jigu rigettati filwaqt li t-talbiet tal-attur ghandhom jigu akkolti b'dan pero' li t-tieni talba ghandha tigi akkolta fis-somma komplessiva ta' elfejn liri maltin (Lm2000) peress li s-somma ta' hames mitt liri maltin (Lm500) qed tigi likwidata arbitrio boni viri ghar-rigward tat-telf ta' uzu tal-forn. Din is-somma qed tigi hekk likwidata tenut kont tal-konkluzjonijiet tal-perit tekniku u tac-cirkostanzi kolha partikolari tal-kaz;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli ghall-hsarat u danni konsegwenzjali sofferti mill-attur fil-fond 56, Bishop Scicluna Street, Qormi u fil-forn li jinsab fl-istess fond; tillikwida dawn id-danni kollha fis-somma komplessiva ta' elfejn liri maltin (Lm2000) inkluz it-telf ta' uzu tal-imsemmi forn u tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma komplessiva ta' Lm2000 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------